# L-Emofilja fi stampi



# It-tielet parti

## Trattament għall-emorraġija



[Type here]

L-emofilja fi stampi

*© World Federation of Hemophilia, 2005*

*Oriġinarjament, din il-pubblikazzjoni kienet ippubblikata bl-Ingliż mill-World Federation of Hemophilia (WFH) u ġiet trodotta bil-permess.*

*Id-WFH mhix responsabbli għal din it-traduzzjoni jew għal żbalji jew tibdil fil-kontenut minn dak li jidher fl-edizzjoni oriġinali bl-Ingliż.*

*Din il-pubblikazzjoni hija waħda minn sensiela ta' kapitli. Id-WFH tinkoraġġixxi lill-qarrejja biex jikkonsultaw mal-kapitli kollha f'din il-pubblikazzjoni.*

*Din il-pubblikazzjoni ġiet trodotta u stampata mill-Malta Bleeding Disorders Society, 2021.*

MBDS MALTA BLEEDING DISORDERS SOCIETY

# It-tielet parti: Trattament għall-emorraġija

- Għalfejn emorraġija għandha tiġi kkurata mill-ewwel? (Parti A)
- Għalfejn emorraġija għandha tiġi kkurata mill-ewwel? (Parti B)
- Kif tista' tikkura emorraġija bl-ewwel għajnuna?
- Kif tista' tikkura emorraġija billi tuża prodotti tad-demm bħala terapija?
- Liema huma t-trattamenti l-oħra li jistgħu jgħinu?
- Xi jkunu l-inbituri u kif jistgħu jiġu trattati?
- X'inhuma s-sinjali li hemm fejqan mill-emorraġija?

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Għalfejn emorraġija għandha tiġi kkurata mill-ewwel?

## (Parti A)

- L-emorraġija għandha tiġi kkurata mill-ewwel biex titfejjaq aktar malajr u tipprevjeni li ssir aktar ħsara.
- Jekk għandek dubju, ikkuraha. Tibqax tistenna!




© World Federation of Hemophilia

# Għalfejn emorraġija għandha tiġi kkurata mill-ewwel?

## (Parti B)

- Jekk iddum ma tikkuraha, iddum aktar biex tfiq u għalhekk ikun meħtieġ aktar trattament.




WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia

# Kif tista' tikkura emorraġija bl-ewwel għajnuna?

- Ibda l-ewwel għajnuna biex tillimita l-ammont ta' emorraġija u ħsara. Agħmel dan anki jekk jingħataw prodotti tad-demm.

- **SERRAĦ:**
  Id-driegħ jew is-sieq serraħhom fuq l-imħaded, dawwarhom f'faxxa jew serraħhom f'faxxa mdendla mal-għonq. M'għandekx iċċaqlaq jew timxi fuq il-ġog li ħiereġ id-demm minnu.

- **KESSAĦ:**
  Dawwar pakkett tas-silġ f'xugaman niedi u poġġih fuq l-emorraġija. Wara ħames minuti, neħħi s-silġ għal mill-inqas għaxar minuti. Ibqa' alterna: ħames minuti bis-silġ, għaxar minuti mingħajru, sakemm il-ġog jibda jinħass jaħraq. Dan jgħin biex jitnaqqas l-uġigħ u jillimita d-dmija.

- **IKKOMPRESSA:**
  Il-ġogi jistgħu jiġu mdawra f'faxxa li tikkompressa jew f'kalzetti elastiċi. Din il-pressjoni ġentili tista' tgħin biex tillimita l-emorraġija u tagħti sapport lill-ġog. Jekk hemm emorraġija fil-muskolu, dan għandu jsir bl-attenzjoni jekk hemm suspett ta' korriment fin-nervituri.

- **GĦOLLI:**
  Għolli l-parti li hemm korriment fiha f'livell ogħla mill-qalb. Dan għandu jnaqqas bil-mod it-telf ta' demm billi jnaqqas il-pressjoni f'dik il-parti.



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Kif tista' tikkura emorraġija billi tuża prodotti tad-demm bħala terapija?

- Normalment, l-emofilja tiġi kkurata billi jiġi injettat fil-vina l-prodott tat-tagħqid fid-demm. Dan ma jistax jingħata mill-ħalq.
- Il-prodott tat-tagħqid tad-demm jinsab f'ħafna mill-prodotti li joffru trattament, bħal *cryoprecipitate* u *factor concentrate*. Dejjem għandhom jiġu kkunsidrati l-effetti sekondarji tal-prodott qabel ma dan jintuża.
- Persuni li jbatu minn emofilja ħafifa (jew kundizzjoni oħra li tissejjaħ il-marda ta' von Willebrand) jistgħu jieħdu l-mediċina *desmopressin* jew DDAVP bħala kura. Din tista' tingħata bħala injezzjoni fil-vina, injezzjoni taħt il-ġilda, jew bħala spray fl-imnieħer.
- Normalment ikun meħtieġ li t-trattament jiġi repetut.













© World Federation of Hemophilia

# Liema huma t-trattamenti l-oħra li jistgħu jgħinu?

- Hemm trattamenti oħra li jistgħu jgħinu, bħal:
  - Medikazzjoni għall–uġigħ;
  - Mediċina antiinfjammatorja biex titnaqqas in–nefħa;
  - Doża jew skeda differenti għall–prodotti tad–demm; u
  - Repetizzjoni tad–dożi tal–fattur VIII jew IX.

- Fiżjoterapista jista':
  - Jissuġġerixxi metodi kif issaħħaħ il–muskoli u kif terġa' tħaddem il–ġog;
  - Jgħidlek huwiex sigur li tirritorna għall–attivitajiet b'mod normali; u
  - Jissuġġerixxi modi kif tipprevjeni milli jseħħu aktar korrimenti.








WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

## Xi jkunu l-inbituri u kif jistgħu jiġu trattati?

- *Inbituri* huma antikorpi (proteini) li joħloq il–ġisem biex jiġġieled kontra affarijiet li jarahom "barranin".
- Persuna bl–emofilja tista' tiżviluppa inbituri li jiġġieldu kontra l–proteina barranija fil–prodott tat–trattament. Jekk l–inbituri huma b'saħħithom, normalment it–trattament isir inqas effettiv.
- L–inbituri mhumiex daqshekk komuni. L–aktar li jinsabu huwa f'persuni li jbatu minn emofilja A li tkun severa.
- Ittestja għall–inbituri qabel xi operazzjoni, anki jekk se ssir operazzjoni fis–snien.
- Jeżistu trattamenti speċjali biex jittrattaw l–inbituri.



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

## X'inhuma s-sinjali li hemm fejqan mill-emorraġija?

- Jerġa' jkun hemm moviment sħiħ tal–ġog jew tal–muskolu.
- Terġa' tiġi s–saħħa fil–muskolu.







WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia